# Il-Knisja ta' San Nikola taż-Żonqor



Chev. Mario Coleiro
*OSJ*

Id-devozzjoni lejn San Nikola ta' Bari f'pajjiżna hija waħda antika ħafna u tmur lura għal perjodi meta pajjiżna kien għadu magħqud mal-Imperu Biżantin. F'dak iż-żmien qaddisin bħal San Nikola, San Ġorġ, Santa Katerina, Santa Venera u Sant'Elena kienu jgawdu devozzjoni kbira ħafna speċjalment fil-Knisja Ortodossa fil-Lvant tal-Mediterran fejn l-Imperu Biżantin kien l-iktar b'saħħtu. Il-preżenza tad-devozzjoni lejn dawn il-qaddisin f'pajjiżna ssaħħaħ it-teorija li fiż-żmien li artna kienet immexxija mill-Iżlamiċi, ir-Reliġjon Nisranija ma nqatgħetx għalkollox u parti mill-poplu baqa' jipprattika t-tagħlim li kien xerred San Pawl fuq din l-art. Dawn id-devozzjonijiet tant kienu mferrxin mal-gżejjer tagħna li nsibu kappelli u postijiet iddedikati lilhom ma' kull rokna ta' artna.

Dan narawh fid-devozzjoni lejn San Nikola, li ma tillimitax ruħha biss fl-inħawi tas-Siġġiewi fejn insibu l-parroċċa iddedikata lilu, imma wkoll f'diversi kappelli u artali fi knejjes oħra. Fost dawn il-kappelli u artali, insibu l-kappella fl-inħawi taż-Żonqor li jinsabu bejn Ħaż-Żabbar u Marsaskala.

Din il-knisja ħelwa taf il-bidu tagħha fil-perjodu ta' qabel ġew il-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta. Fil-fatt minn dokumenti ta' visti pastorali antiki naraw li tissemma' u saħansitra l-art kienet magħrufa bħala San Nikola taż-Żonqor. Fil-lista tal-irġiel fuq l-għassa tad-Dejma tas-sena 1417, iż-Żonqor jissemma. Fl-1504, f'dokument ieħor insibu referenza għall-knisja ta' San Nikola taż-Żonqor. Iktar referenzi nsibuhom f'atti notarili tas-snin 1536 u 1538. Meta Mons. Pietro Dusina għamel iż-żjara pastorali tiegħu għaxar snin biss wara l-Assedju l-Kbir, jiġifieri fl-1575 huwa rrimarka li din il-knisja kienet antika ħafna u kienet nieqsa minn ħafna bżonnijiet. Maż-żmien l-istat tagħha kompla jitgħarraq fejn saħansitra lanqas bieb ta' barra ma kellha. Dan wassal biex il-kappella ġiet profanata kemm-il darba. Minn żmien għal żmien kien jinqala' xi benefattur u jirranġaha, imma xorta kienet tibqa' nieqsa minn ħafna bżonnijiet u għalhekk kienet kull darba terġa' tisfa abbandunata u profanata. Fl-1659, l-isqof Balaguer iddeċieda li jagħlaqha darba għal dejjem.



*Dehra mill-ajru tal-kappella ta' San Nikola f'Taż-Żonqor*

Madankollu mitt sena wara li din il-knisja ngħalqet, bdiet tinbena dik li naraw illum. Dan kien fi żmien il-Granmastru Pinto u bil-permess tal-Isqof Rull. Din id-darba nbniet ħafna isbaħ minn kif kienet qabel u għalhekk naraw arkitettura eleganti u sabiħa u msaqqfa b'koppla d-daqs tal-knisja kollha. Fi żmien tliet snin kienet lesta mill-bini u tbierket fis-sena 1762.



*It-titular tal-kappella, xogħol attribwit lil Mattia Preti*

Fiha konna nsibu statwa antika ħafna tal-injam ta' San Nikola kif ukoll il-kwadru titulari ta' San Nikola attribwit lil Mattia Preti. Illum dawn iż-żewġ opri artistiċi jinsabu miżmuma fil-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ġewwa Ħaż-Żabbar.

Matul it-tieni gwerra dinjija din il-knisja ġarrbet xi ħsarat peress li fil-viċin tagħha konna nsibu batterija tas-suldati Ingliżi u għalhekk din sfat f'żona perikoluża. Wara l-gwerra kienet għamlet xi żmien abbandunata. Kien hemm perjodu fejn il-membri tal-MUSEUM kienu jużawha għall-irtiri.

Il-knisja reġgħet bdiet tiġi indukrata meta ħa l-kustodja tagħha s-Sur Michael Mifsud, u dan ħa ħsieb isewwi l-ħsarat li kellha u reġa' beda jżejjinha. Illum tinfetaħ nhar ta' Ġimgħa filgħaxija għar-rużarju u kull l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, fejn issir fiha adorazzjoni.

Kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar issir quddiesa u nhar il-festa liturġika ta' San Nikola, fis-6 ta' Diċembru ssir festa ċkejkna.

## L-iskop ewlieni tal-festa huwa li nersqu aktar lejn Alla permezz tal-qaddis tagħna.

### Għalhekk inħeġġu lis-Siġġiwin kollha biex fil-ġranet tal-festa jersqu lejn is-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin, filwaqt li jieħdu sehem fil-funzjonijiet kollha li jsiru fil-knisja.